# 50 Sena tal-inkurunazzjoni tal-Istatwa ta' San Ġużepp tar-Rabat



***Kitba tas-Sur Daniel Vella – Preżentatur Marċifest fuq Radju Malta***



Is-sena 2012 kienet taħbat il-50 sena meta l-istatwa devota u antika ta' San Ġużepp ġiet inkurunata solennament b'żewġ kuruni tad-deheb u ħaġar prezzjuż, simbolu tad-devozzjoni kbira u rabta tal-poplu Malti mal-Qaddis Patrijarka San Ġużepp u ibnu Ġesù, b'digriet maħruġ personalment mill-qdusija tiegħu l-Papa Piju XII fl-1956. Kienet eżattament id-data tal-ewwel ta' Mejju tas-sena 1963 meta ġrat din il-ġrajja storika minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u ġrajja unika fl-istorja reliġjuża ta' Pajjiżna.

Intant fost iċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru nsibu akkademja mużiko-letterarja li saret fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Din l-akkademja saret b'suċċess is-Sibt 27 ta' April 1963, taħt il-preżenza tal-Eċċ tiegħu Rev. Mons. Mikel Gonzi Arċisqof ta' Malta. Din il-Lejla kienet il-bidu ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali.

Il-Ħadd, it-Tnejn u t-Tlieta 28, 29 u 30 ta' April, saru tlett ijiem ta' tridu solenni bi preparazzjoni għall-inkurunazzjoni. Iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies kif ukoll il-priedka matul dawn it-tlett ijiem saru mill-Eċċ Tiegħu Mons Isqof Emanuel Galea Vigarju Ġenerali.

L-Erbgħa l-ewwel ta' Mejju kien il-jum tal-inkurunazzjoni, dakinhar fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet meħuda permezz ta' korteo mir-Rabat sal-Belt Valletta. Fid-disgħa ta' filgħodu sar korteo bl-istess statwa din id-darba minn pjazza Kastilja għall-Konkatidral ta' San Ġwann.

Wara nofs inhar, l-istatwa ta' San Ġużepp ittieħdet mill-Konkatidral ta' San Ġwann biex hemmhekk sar il-korteo għall-knisja ta' Sarria fil-Furjana.

Fit-tlieta u nofs l-istess statwa ta' San Ġużepp ġiet meħudha proċessjonalment b'korteo ieħor mill-istess knisja għal fuq il-fosos il-Furjana fejn hemmhekk saret il-funzjoni liturġika tal-inkurunazzjoni. Waqt l-istess funzjoni saru diversi preżentazzjonijiet tal-bukketti tal-fjuri lil San Ġużepp kif ukoll diskors fuq San Ġużepp ħaddiem.

Wara sar il-pontifikal solenni mill-Eċċ Tiegħu Mons Arċisqof Mikiel Gonzi, assistit mill-wisq Rev. Kapitlu Metropolitan. F'dan il-pontifikal Mons Arċisqof għamel l-omelija u wara ġie ffirmat il-kuntratt li permezz tiegħu saret l-inkurunazzjoni. Iċ-ċerimonja solenni tal-inkurunazzjoni tal-istatwa ta' San Ġużepp saret mill-istess Arċisqof Mikiel Gonzi, assistit mill-Eċċ Tiegħu Mons Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, l-Eċċ Tiegħu Rev. Mons Costantino Trapani O.F.M. Isqof ta' Nicosia fi Sqallija.

Fis-sebgħa ta' filgħaxija l-istatwa ta' San Ġużepp inkurunata ġiet meħuda b'korteo minn fuq il-fosos tal-Furjana għar-Rabat fejn hemmhekk ġiet meħuda fil-Knisja parokkjali u kolleġġjali ta' San Pawl.

L-Għada l-Ħamis 2 ta' Mejju 1963 fis-sitta ta' filgħaxija saret Translazzjoni solenni bl-istatwa inkurunata ta' San Ġużepp, mill-istess knisja kolleġġjata ta' San Pawl għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, bis-sehem tal-komunitajiet reliġjużi u l- għaqdiet

reliġjużi tar-Rabat u tal-Imdina. Fil-jum tas-sibt 11 ta' Mejju, fil-ħamsa ta' filgħaxija sar il-għasar pontifikali mill-Eċċ Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta assistit mill-wisq Rev. Kapitlu Metropolitan



Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali ġew fi tmiemhom il-Ħadd 12 ta' Mejju meta dakinhar fid-disgħa ta' filgħodu sar pontifikal solenni, immexxi mill-wisq Rev. Eċċ Tiegħu Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta flimkien mal-wisq Rev. Kapitlu Metropolitan. Fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija sar għasar solenni u wara saret il-purċissjoni solenni bl-istatwa ta' San Ġużepp inkurunata mat- toroq prinċipali tar-Rabat. F'din il-purċissjoni, flimkien mal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u l-komunità tal-patrijiet Minuri tar-Rabat, ħadu sehem ukoll il-fratellanzi ta' San Ġużepp ta' Malta kollha, kif ukoll il-kapitlu tal-kolleġġjata ta' San Pawl tar- Rabat. Mexxa din il-purċisjoni l-Eċċ Tiegħu Rev. Mons Isqof Costantino Trapani O.F.M.

Mill-aspett ta' festi ta' barra li saru f'din l-okkażjoni speċjali apparti s-sehem attiv tal-banda Dekana l-Isle Adam tar-Rabat, kienu ħadu sehem diversi baned minn numru ta' bliet u rħula Maltin, fost dawn insibu s-sehem tal-banda Konti Ruġġieru tas-Soċjetà ta' San Pawl tar-Rabat li għamlet marċ u programm Mużikali l-Erbgħa 8 ta' Mejju.

Programm vokali u strumentali kbir sar ukoll mill-banda Dekana L-Isle Adam tar-Rabat fuq il-palk prinċipali ħdejn il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, il-Ġimgħa 10 ta' Mejju, fejn għal dawn il-festi tal-Inkurunazzjoni l-banda daqqet għall-ewwel darba innu ġdid bl-isem San Ġużepp versi ta' Dr. George Zammit LLD, mużika tal-Mro. Anton Muscat Azzopardi A.Mus.L.C.M. li dak iż-żmien kien is-surmast direttur tal-istess banda Rabtija

Bla dubju dan l-anniversarju tal-ħamsin sena tal-inkurunazzjoni tal-istatwa ta' San Ġużepp tar-Rabat huwa parti mill-istorja glorjuża tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, huwa wkoll anniversarju importanti li jagħti ġieħ lil Ġużeppini kollha Maltin u Għawdxin.

Il-Festa t-tajba ħbieb!

Rapa Aluminium

Contact J. Rapa

N.B. Dawwara Street
Victoria VCT 104,
Gozo - Malta

Mob: 79391971
Mob: 79053058
Tel: 21554149
Fax: 21559414